Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 15 ta' Diċembru 2025**
**(OR. en)**

**16829/25**

**COJUR 99**
**COMAR 53**
**JUR 851**

**EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Nru. dok. preċ.: | 16719/25 |
| Suġġett: | Dikjarazzjoni tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha dwar l-użu sħiħ tal-qafas tal-liġi internazzjonali tal-baħar b'rabta mat-theddid mill-"flotta mistura" u mal-protezzjoni tal-infrastruttura kritika taħt il-baħar |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-Dikjarazzjoni tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha dwar l-użu sħiħ tal-qafas tal-liġi internazzjonali tal-baħar b'rabta mat-theddid mill-"flotta mistura" u mal-protezzjoni tal-infrastruttura kritika taħt il-baħar, approvata mill-Kunsill Affarijiet Barranin fil-laqgħa tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2025.

**DIKJARAZZJONI TAL-UNJONI EWROPEA U TAL-ISTATI MEMBRI TAGĦHA DWAR L-UŻU SĦIĦ TAL-QAFAS TAL-LIĠI INTERNAZZJONALI TAL-BAĦAR B'RABTA MAT-THEDDID MILL-"FLOTTA MISTURA" U MAL-PROTEZZJONI TAL-INFRASTRUTTURA KRITIKA TAĦT IL-BAĦAR**

L-UNJONI EWROPEA U L-ISTATI MEMBRI TAGĦHA,

FILWAQT LI JFAKKRU li, kif jinsab fl-Istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-Unjoni Ewropea tal-24 ta' Ottubru 2023, "minħabba theddid għall-infrastrutturi marittimi kritiċi u l-konsegwenzi tal-aggressjoni militari illegali u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, hija meħtieġa aktar azzjoni mill-UE bħala fornitur tas-sigurtà internazzjonali." Il-Patt Ewropew għall-Oċeani adottat mill-Kummissjoni Ewropea fil-5 ta' Ġunju 2025 ifakkar ukoll li "l-infrastrutturi marittimi kritiċi huma mhedda.",

Filwaqt LI JINNUTAW li t-theddid għall-infrastruttura kritika taħt il-baħar ma jirriżultax biss mill-"flotta mistura",

Filwaqt LI JINNUTAW li l-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) ħeġġet lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fir-Riżoluzzjoni A.1192 (33) tagħha tas-6 ta' Diċembru 2023 jippromwovu azzjonijiet għall-prevenzjoni ta' operazzjonijiet illegali fis-settur marittimu mill-"flotta mistura" jew mill-"flotta mdella". F'dik ir-Riżoluzzjoni l-Assemblea tal-OMI nnutat bi tħassib informazzjoni dwar dawk il-bastimenti involuti f'operazzjonijiet illegali għall-finijiet ta' ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet jew l-involviment f'attivitajiet illegali oħra,

Filwaqt LI JISĦQU li l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti rrikonoxxiet fir-Riżoluzzjoni 79/144 tagħha tat-12 ta' Diċembru 2024, li l-kejbils u l-pipelines sottomarini huma ta' importanza vitali għall-ekonomija globali u għas-sigurtà nazzjonali tal-Istati kollha, konxja li dawn il-kejbils u l-pipelines huma vulnerabbli għal ħsara intenzjonali u aċċidentali, u appellat lill-Istati "biex jieħdu miżuri biex jipproteġu l-kejbils u l-pipelines sottomarini u biex jindirizzaw bis-sħiħ il-kwistjonijiet relatati ma' dawn il-kejbils u l-pipelines, f'konformità mad-dritt internazzjonali, kif rifless fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 ("UNCLOS"),

Filwaqt LI JIKKONDIVIDU l-appell tal-Istati espress matul id-dibattitu miftuħ dwar is-sigurtà marittima li sar fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fl-20 ta' Mejju 2025 taħt il-Presidenza tal-Greċja, biex tiġi infurzata aħjar il-protezzjoni legali internazzjonali eżistenti, partikolarment għall-infrastruttura kritika bħall-kejbils u l-pipelines sottomarini,

Filwaqt LI JFAKKRU li, lil hinn mill-azzjonijiet meħuda fin-Nazzjonijiet Uniti u l-OMI, flussi ta' ħidma oħra jikkontribwixxu biex jiġi indirizzat dak it-theddid. Wara d-Dikjarazzjoni Konġunta tas-Summit tal-Alleati tan-NATO tal-Baħar Baltiku tal-14 ta' Jannar 2025, ġew identifikati għażliet biex jiġu indirizzati r-riskji għall-infrastruttura kritika taħt il-baħar u l-isfidi ppreżentati mill-"flotta mistura". Fis-16 ta' Mejju 2025, l-UE u għaxar Stati Ewropej qablu dwar Memorandum ta' Qbil dwar il-protezzjoni ta' Infrastruttura kritika ta' Taħt il-Baħar fil-Baħar Baltiku. Fl-14 ta' Marzu 2025, il-Ministri għall-Affarijiet Barranin tal-G7 ħarġu Dikjarazzjoni dwar is-Sigurtà Marittima u l-Prosperità: għaddejja ħidma fuq il-protezzjoni ta' infrastruttura kritika taħt il-baħar u nħolqot Task Force għall-Flotta Mistura.

Filwaqt LI JINNUTAW li fid-19 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill Ewropew adotta konklużjonijiet li jilqgħu l-miżuri kontra l-"flotta mistura", u li l-Istati Membri appellaw għal aktar miżuri f'dak ir-rigward fil-Kunsill Ewropew fis-26 ta' Ġunju u fit-23 ta' Ottubru 2025. Fis-6 ta' Ġunju 2025, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta konklużjonijiet dwar konnettività affidabbli u reżiljenti, filwaqt li enfasizza l-ħtieġa urġenti għal appoġġ komprensiv għall-infrastruttura tal-kejbils sottomarini, kif imsemmi fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar is-Sigurtà tal-Kejbils,

Filwaqt LI JFAKKRU li fil-21 ta' Frar 2025, il-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà nedew Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar is-Sigurtà tal-Kejbils. Dan il-Pjan ta' Azzjoni jispeċifika li l-UE u l-Istati Membri tagħha, filwaqt li jaħdmu flimkien mal-OMI, għandhom jistabbilixxu qbil komuni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt internazzjonali tal-baħar li jippermettu lill-Istati Membri, bħala Stati kostali u tal-bandiera, jipproteġu b'mod aktar effettiv l-infrastruttura kritika u jieħdu azzjoni fir-rigward tal-bastimenti tal-"flotta mistura" u kwalunkwe bastiment ta' interess li jopera fl-ibħra internazzjonali. B'mod partikolari, il-qafas legali għall-interċettazzjoni jew l-imbark ta' bastimenti li jirrappreżentaw riskji għall-UE għandu jiġi vvalutat bir-reqqa, f'konformità sħiħa mal-UNCLOS. Dan il-Pjan ta' Azzjoni jipproponi wkoll li l-ħidma fil-livell multilaterali tista' tinkludi wkoll riflessjoni possibbli dwar kif isir użu sħiħ mill-azzjonijiet kollha possibbli f'konformità mad-dritt internazzjonali tal-baħar, bil-ħsieb li tiżdied il-protezzjoni tal-infrastrutturi tal-kejbils sottomarini kif ukoll il-promozzjoni ta' normi u l-aħjar prattika,

Filwaqt LI JFAKKRU li, fis-6 ta' Mejju 2025, il-Kummissjoni Ewropea nediet Pjan Direzzjonali lejn tmiem l-importazzjoni tal-enerġija Russa, inkluż azzjonijiet previsti biex jindirizzaw il-problema taċ-ċirkomvenzjoni tas-sanzjonijiet tal-UE fuq iż-żejt bl-użu ta' "flotot mistura",

Filwaqt LI JFAKKRU li l-UNCLOS, kif rifless fil-preambolu tagħha, tikkontribwixxi għaż-żamma tal-paċi, is-sigurtà, il-kooperazzjoni u relazzjonijiet ta' ħbiberija fost in-nazzjonijiet kollha f'konformità mal-prinċipji tal-ġustizzja u d-drittijiet ugwali u tippromwovi l-avvanz ekonomiku u soċjali tal-popli kollha tad-dinja, f'konformità mal-Għanijiet u l-Prinċipji tan-Nazzjonijiet Uniti kif stipulati fil-Karta,

Filwaqt LI JISĦQU li l-libertajiet tal-ibħra internazzjonali, inkluż il-libertà tan-navigazzjoni, iridu jiġu eżerċitati b'kunsiderazzjoni xierqa għall-interessi ta' Stati oħra, u li l-Istati kollha, inkluż l-Istati tal-bandiera, iridu jħarsu l-obbligi tagħhom skont l-UNCLOS bona fide u jħaddmu d-drittijiet, il-ġuriżdizzjoni u l-libertajiet rikonoxxuti fil-Konvenzjoni b'mod li ma jikkostitwix abbuż ta' dritt,

Filwaqt LI JISĦQU li hemm bżonn li l-UE u l-Istati Membri tagħha jindirizzaw ir-riskji assoċjati mal-flotta mistura u ma' infrastruttura kritika taħt il-baħar, u f'dan il-kuntest filwaqt li jinnutaw li f'konformità mal-Artikolu 3(5) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Unjoni għandha tikkontribwixxi "għar-rispett sħiħ u għall-iżvilupp tad-dritt internazzjonali, partikolarment ir-rispett għall-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti",

JIDDIKJARAW U JTENNU:

1. L-impenn sod tagħhom lejn l-UNCLOS, li tistipula l-qafas legali li fih iridu jitwettqu l-attivitajiet kollha fl-ibħra u fl-oċeani, u b'hekk tikkostitwixxi strument ta' importanza strateġika bħala l-bażi għal azzjoni u kooperazzjoni nazzjonali, reġjonali u dinjija fis-settur tal-baħar, u li l-karattru u l-integrità universali u unifikati tagħha jeħtieġ li jiġu ppreservati;

2. Li r-riskji li toħloq il-"flotta mistura" u possibbilment prattiki ta' tbaħħir perikolużi oħra, fosthom ħsara ambjentali potenzjali kif ukoll riskji għas-sikurezza u s-sigurtà marittimi, l-integrità tal-kummerċ internazzjonali bil-baħar, infrastruttura kritika taħt il-baħar, inkluż kejbils u pipelines sottomarini, il-ħajja u s-saħħa tal-baħħara li jaħdmu abbord il-bastimenti, u r-rispett għar-regoli u l-istandards marittimi internazzjonali, jestendu għall-ibħra u l-oċeani kollha, u jeħtieġ li jitqiesu fl-intier tagħhom minn perspettiva legali, peress li dawk ir-riskji huma parti mill-problemi tal-ispazju tal-oċeani msemmija fit-tielet klawżola preambulari tal-UNCLOS;

3. Li l-bastimenti li jbaħħru mingħajr nazzjonalità, inkluż dawk fil-"flotta mistura", joħolqu riskju partikolari. Bastimenti mingħajr nazzjonalità ma joperawx taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat tal-bandiera skont l-UNCLOS. La huma intitolati għal-libertajiet tal-ibħra internazzjonali, inkluż il-libertà ta' navigazzjoni, u lanqas għal drittijiet bħal passaġġ innoċenti jew passaġġ ta' tranżitu peress li dawn il-libertajiet u d-drittijiet jingħataw esklużivament lill-Istati taħt il-liġi tal-baħar. Mhuma soġġetti għall-ġuriżdizzjoni esklużiva ta' ebda Stat fl-ibħra internazzjonali. Kwalunkwe Stat jista' jitla' abbord bastiment fl-ibħra internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 110 tal-UNCLOS, u f'Żoni Ekonomiċi Esklużivi ("ŻEE") f'konformità mal-Artikolu 58(2) tagħha, f'każ li jkun hemm bażi raġonevoli biex wieħed jissuspetta li l-bastiment huwa mingħajr nazzjonalità. Kwalunkwe Stat jista' jieħu miżuri xierqa abbord bastiment misjub mingħajr nazzjonalità, skont id-dritt internazzjonali u l-liġi domestika tiegħu. Barra minn hekk, l-Istati Membri tal-UE jagħrfu li kwalunkwe Stat kostali jista' jieħu azzjoni xierqa f'konformità mad-dritt internazzjonali u l-liġi domestika tiegħu, fir-rigward ta' bastimenti mingħajr nazzjonalità meta jinnavigaw f'żoni li fuqhom jeżerċita drittijiet sovrani jew ġuriżdizzjoni. Fil-baħar territorjali, il-ġuriżdizzjoni sħiħa u esklużiva tal-Istat kostali tapplika għal bastimenti bħal dawn;

4. Li l-Istati kollha jridu jirrispettaw l-obbligi legali tagħhom skont l-Artikolu 113 tal-UNCLOS fir-rigward tal-adozzjoni minn kull wieħed minnhom tal-liġijiet u r-regolamenti meħtieġa biex jipprevedu li t-tkissir ta', jew il-ħsara lil, kejbil jew pipeline sottomarin minn bastiment li jtajjar il-bandiera tiegħu jew minn persuna soġġetta għall-ġuriżdizzjoni tiegħu, kemm jekk isir intenzjonalment kif ukoll b'negliġenza kolpevoli, għandu jitqies bħala reat punibbli, fejn jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet. Li jeħtieġ li l-UE u/jew l-Istati Membri tagħha jikkomunikaw mal-Istati tal-bandiera bl-għan li jtejbu l-implimentazzjoni effettiva ta' dik id-dispożizzjoni skont il-liġi domestika tagħhom;

5. Li kull Stat għandu, f'konformità mal-Artikolu 94 tal-UNCLOS, dmir legali li jeżerċita b'mod effettiv il-ġuriżdizzjoni u l-kontroll tiegħu fi kwistjonijiet amministrattivi, tekniċi u soċjali fuq bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu. F'dak ir-rigward, il-ħidma mwettqa fil-qafas tal-IOMI fir-rigward tal-iżvilupp ta' linji gwida jew l-aħjar prattika għar-reġistrazzjoni tal-bastimenti hija ta' importanza kruċjali;

6. Li l-Istati kostali jistgħu jitolbu informazzjoni dwar l-assigurazzjoni minn bastimenti li jbaħħru fil-baħar territorjali jew fiż-ŻEE tagħhom u ser jeżaminaw tali informazzjoni tal-bastimenti li jidħlu f'wieħed mill-portijiet tagħhom f'konformità mad-dritt internazzjonali. Jistgħu jitolbu wkoll lill-bastimenti li jinnavigaw f'żoni ewlenin tat-traffiku biex jirrappurtaw ċertifikati tal-assigurazzjoni u tar-responsabbiltà ċivili f'konformità mal-ftehimiet internazzjonali rilevanti;

7. Li l-Istati Membri tal-UE ser iżidu l-isforzi tagħhom biex jiżguraw il-konformità tal-bastimenti mal-obbligi legali tagħhom li jinnotifikaw l-informazzjoni. Id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2025/811 tad-19 ta' Frar 2025 li temenda l-Anness I tad-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tintroduċi obbligu għall-bastimenti li jidħlu f'żona ta' sistema obbligatorja ta' rappurtaġġ tal-bastimenti li jipprovdu ċertifikat tal-assigurazzjoni wieħed jew aktar maħruġa mill-fornitur tagħhom u li jinġarru abbord il-vapur, li jipprovdu evidenza tal-eżistenza ta' assigurazzjoni għal pretensjonijiet marittimi, kif ukoll ċertifikati ta' responsabbiltà ċivili maħruġa f'konformità mal-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti;

8. Li ftehimiet ma' Stati tal-bandiera rilevanti biex jiżguraw il-kunsens tagħhom għal operazzjonijiet ta' imbark awtorizzati minn qabel fuq il-bastimenti tagħhom fl-ibħra internazzjonali jew fiż-ŻEE ta' Stati Membri tal-UE jikkostitwixxu għodda importanti. Tali ftehimiet jistgħu jiddefinixxu l-kundizzjonijiet u l-modalitajiet għall-kooperazzjoni ma' kull Stat tal-bandiera rilevanti fir-rigward tal-bastimenti tiegħu fil-"flotta mistura" involuti f'operazzjonijiet illegali;

9. Li d-dritt internazzjonali jippermetti lill-Istati jieħdu azzjoni ta' infurzar f'għadd ta' xenarji potenzjalment rilevanti għall-protezzjoni ta' infrastruttura kritika taħt il-baħar, inkluż iżda mhux limitat għall-Artikoli 21, 73, 110, 111, 220 u 221 tal-UNCLOS, kif ukoll l-Artikolu X tal-Konvenzjoni ta' Pariġi tal-1884 għall-Protezzjoni tal-Kejbils Telegrafiċi Sottomarini, fejn applikabbli;

10. Li minbarra l-azzjoni kontra l-attivitajiet tal- "flotta mistura", kif stabbilit fil-paragrafi 7 u 8, sar meħtieġ li l-Istati jkomplu jikkunsidraw il-qafas tal-liġi internazzjonali tal-baħar bil-ħsieb li jindirizzaw l-isfidi dejjem akbar u jsaħħu l-protezzjoni tal-kejbils u l-pipelines sottomarini f'konformità mal-UNCLOS, minħabba t-theddid dejjem akbar u l-qerda ta' kejbils u pipelines sottomarini, jew il-ħsara lilhom,

11. L-intenzjoni tagħhom li jniedu inizjattiva wiesgħa għall-iżvilupp ta' għodod biex jindirizzaw it-theddid għall-infrastruttura kritika taħt il-baħar, inkluż il-protezzjoni ta' kejbils u pipelines sottomarini. Dawk l-għodod jiġu żviluppati fil-fora xierqa rispettivi, bħall-korpi tan-NU jew l-OMI, skont il-kontenut tagħhom. Dawk l-għodod jistgħu, pereżempju, jikkonsistu f'ġabra ta' standards internazzjonali ta' mġiba tajba għall-bastimenti li jinnavigaw qrib infrastruttura kritika taħt il-baħar li jistipulaw prinċipji u linji gwida ddedikati, f'kompendju ta' regoli għall-bastimenti li jinnavigaw f'Żoni tal-Baħar Partikolarment Sensittivi, f'miżuri biex isaħħu l-protezzjoni tal-kejbils u l-pipelines sottomarini permezz ta' salvagwardja mtejba, monitoraġġ aktar mill-qrib ta' attivitajiet madwar siti sensittivi, u mekkaniżmi, konsistenti mad-dritt internazzjonali, biex jevitaw imġiba li tipperikola tali infrastruttura, jew f'miżuri oħra f'konformità mal-UNCLOS. Dawn l-għodod jistgħu jvarjaw minn strumenti mhux legalment vinkolanti sa strumenti vinkolanti ġodda